**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

25 ta' Ottubru, 2020

# DAWL TAL-QADDISIN
## DAWL FUQ L-OQBRA



Nhar il-Ħadd 1 ta' Novembru fil-faċċata tal-knisja se jkollna xemgħa mixgħula biex flimkien mal-parroċċi l-oħrajn f'Għawdex nagħmlu mixegħla. L-okkażjoni hija l-festa ta' qaddisin kollha. Il-mixegħla tagħmel sens għax il-qaddisin fil-fatt jiddu dawl. Il-qaddisin li jgħallmuna kif ngħixu l-ħajja bi mħabba, b'għotja, kontra-kurrent. Fl-Enċiklika *Ilkoll Aħwa* li l-Papa tana ftit jiem ilu, huwa jirrakkonta kif il-qaddis Franġisk t'Assisi mar kontra l-kurrent. Filwaqt li Nsara oħrajn kienu qed iħejju għal kruċjata kontra l-Mislem, San Franġisk għamel vjaġġ perikoluż biex jiltaqa' mas-sultan tal-Eġittu Malik al-Kamil.

Fit-2 ta' Novembru nagħmlu talb speċjali għall-mejtin. F'dan il-jum ukoll ħafna jixegħlu x-xemgħa u jqegħduhom fuq l-oqbra. Dan id-dawl ifisser it-twemmin tagħna li Kristu jqajjimna għall-ħajja. Ix-xemgħa hija wkoll espressjoni ta' tama li għandna li nidħlu fid-dawl ta' dejjem.

Fin-notice boards taċ-ċimiterju għandkom issibu l-ħinijiet tal-quddies fiċ-ċimiterji matul ix-xahar tal-Erwieħ.

***L-Arċipriet***

Is-sena li ġejja jaħbat il-100 sena mill-mewt tal-Arċipriet Kan. Dun Martin Camilleri, saċerdot ħabrieki u ta' qalb kbira li ħabb lill-komunità Nadurija, li beda l-proġett tat-tkabbir u d-dekorazzjoni tal-knisja tagħna. Għal dan il-għan twaqqaf Grupp Organizzattiv biex jitfakkar dan iċ-ċentinarju kif jixraq. Fost l-inizjattivi li ser isiru hemm il-pubblikazzjoni ta' ktejjeb dwar l-Arċipriet Dun Martin, wirja dwar ħajtu u x-xogħlijiet marbuta mal-parrokat tiegħu, kif ukoll serata ta' kommemorazzjoni fi żmien l-Imnarja, dejjem jekk is-sitwazzjoni tal-pandemija tippermetti.



### ROKNA EKOLOĠIKA

Fiż-żmien it-terrur tar-revoluzzjoni Franċiża fost l-editti li ħarġu kien ġie abolit is-swat fl-iskejjel. F'xi postijiet ingħatat l-ordni li jwaħħlu ħxejjex tal-ikel fil-ġonna pubbliċi. Fasslu kalendarju fejn għal kull jum fis-sena poġġew isem marbut mar-raba'. Hekk pereżempju kien hemm jum il-qamħ, jum iż-żunżan, jum l-inbid.

### AVVIŻI OĦRAJN

**OPEN DAY TAĊ-ĊENTRU:** kif wegħedna dakinhar tal-ftuħ uffiċjali taċ-Ċentru, dan il-weekend allokajna xi ħinijiet li fihom kulħadd jista' jidħol jara x-xogħol li sar u li għad irid isir bis-saħħa tagħkom u ta' tant benefatturi oħra. Ser ikun miftuħ is-Sibt bejn il-5pm u s-7.30pm u l-Ħadd bejn it-8.30am u 12pm.

**APPLE PIES TAĊ-ĊENTRU:** waqt l-open day se nbigħu apples pies li ser ikunu ppakkjati apposta biex inkunu sikuri. Dawn ser jinbiegħu miċ-Ċentru stess u ser iservu bħala fundraising.

**L-OBOLO TA' SAN PIETRU:** ta' kull sena l-knisja mad-dinja kollha tagħmel ġabra li tissejjaħ "l-Obolo ta' San Pietru." Din il-ġabra tmur għall-Papa li mbagħad jiddisponi minnha hu għall-karità. Fil-parroċċa tagħna l-ġabra tal-Obolo se ssir f'jum il-festa ta' San Koronatu.

**EDIZZJONI OĦRA TAL-BIBBJA** li ħarġet ftit ilu. Issibuha għall-bejgħ għand il-librara ewlenin.

***IL-LEĦEN:*** bħalissa qegħdin niġbru l-abbonamenti. Għall-għejjer Maltin il-ħlas huwa ta'€45. Imlew il-formola li hemm f'*Il-Leħen* stess u ġibuha fl-Uffiċċju Parrokkjali.
Min irid jagħti rigal li jservi għas-sena kollha, lil xi ħabib jew qarib imsiefer jista' wkoll. Kellmu lil Joe Muscat fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**SENA ĊENTINARJA - 4:** Il-leġjunarji huma msejħa għall-qdusija huma u jwettqu l-ħidma tagħhom f'għaqda ma' Marija. Dan jgħodd b'mod speċjali għas-sehem tagħhom fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija.

### Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm

**Is-Sibt filgħaxija:** 5:00pm; 6:30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am